**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 371/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Ahmad Yassine**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2020

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Ahmad Yassine, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 241807L quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2.01.2017 ghall-habta ta' 5.30 pm, fi Triq San Luqa gewwa l-Pieta' naqas li josserva jew kiser xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu minn Ordni ta' Protezzjoni, liema ordni inharget b'sentenza definittiva datata 25.02.2016 mahruga mill-Onor. Imhallef Dr. Robert G. Mangion LL.D., fejn il-Qorti kienet ipprovdiet ghas-sigurta' ta'

Manar Yassine sakemm idumu pendenti l-proceduri ta' bejn il-partijiet quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u dan bi ksur ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Settembru, 2018 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal xahar prigunerija

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha tirriforma s-sentenza appellata u tvarja l-piena imposta ghal piena aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena kominata mill-ewwel Qorti bil-gravam singolari li la darba l-mertu tal-kawza kien ugwali ghall-mertu ta' erba' kawzi ohra li nstemghu flimkien ma' din u mill-istess Qorti fl-istess jum u decizi fl-istess jum, allura kellha tkun erogata piena aktar ekwa u gusta ghaliex ma setghax jibbenefika minn dak li jipprovdi l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali dwar ir-reat kontinwat;

2. Illi dan l-appell instema' flimkien mal-appelli numri 372/2018, 372/2018, 374/2018 u 375/2018. B'hekk seta' jkun accertat illi dawn il-kawzi lkoll ghandhom bhala imputazzjoni l-ksur tal-istess disposizzjoni tal-ligi bl-eccezzjoni tad-data tal-kommissjoni tar-reat igifieri l-ksur tal-ordni ta' protezzjoni mposta minn Qorti fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali izda f'dati differenti, igifieri fit-3 ta' Novembru, 2016, fl-10 ta' Novembru, 2016, fl-14 ta' Novembru, 2016 u id-9 ta' Jannar, 2017. Bl-eccezzjoni ukoll illi l-appell numru 374/2018 jinkludi zewg imputazzjonijiet ohra u li ghalhekk it-tlett fatti huma, wahda dwar ksur ta' ordni ta' protezzjoni, it-tieni dwar fastidu u t-tielet dwar biza' li ser tintuza vjolenza fuq persuna;

3. Huwa palezi ghalhekk illi l-mertu ta' dawn l-appelli u allura l-kawzi quddiem l-ewwel Qorti, jitratta dwar il-ksur tal-istess disposizzjoni tal-ligi f'jiem differenti kif appena indikat fil-paragrafu ta' qabel dan. Ghall-kompletezza tal-kwadru fil-kwistjoni hawn devoluta, izda, il-Pulizija xliet lill-appellant kull darba li kien sar rapport mill-kwerelanta li ssubiet dan il-ksur ossia kull darba li sar tali rapport, il-Pulizija harget citazzjoni minnufih b'data ghal dehra quddiem il-Qorti tal-Magistrati naturalment differenti mill-ohra. Gara izda li minhabba ragunijiet ta' nuqqas ta' dehra tal-imputat l-kawzi kienu qed ikunu differiti u fl-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2018, meta allura l-kawzi kollha iltaqghu fl-istess data, l-ewwel Qorti ordnat li jinstemghu lkoll flimkien;

4. Issa, l-appellant hu tal-fehma li la darba "*tressaq biex iwiegeb ghal dan ir-reat kommess f'hames perjodi differenti f'kawzi separati, l-esponenti ma setax jibbenefika minn dak li jipprovdi l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali*". Huwa jiccita in sostenn tal-argument tieghu is-sentenza ta' din il-Qorti tat 3 ta' Novembru, 1995 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Galea u dik tal-31 ta' Lulju 2009 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmelo Innorcia. L-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali jiddisponi s-segwenti:

> **18. Meta d-diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu reat wiehed, imsejjah reat kontinwat, izda l-piena tista' tizdied minn grad sa zewg gradi**.

5. Tajjeb li jkun osservat, f'dan l-istadju, illi hawn si tratta ta' ksur ta' Ordni ta' Protezzjoni skond id-dispost tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali intiz sabiex jiprotegi lill-persuna, hafna drabi fil-vesti tal-vittma ta' reat, milli tkun molestata mill-hati. Issa, appena l-Pulizija irceviet ilment mill-kwerelanta odjerna, ghamlet dak li kienet fid-dover li taghmel u inizzjat proceduri kriminali kontra l-appellant f'kull okkazzjoni. U hekk baqghet taghmel kull darba li sarilha rapport mill-kwerelanta u ma qaghditx tistenna biex tara jekk kienx ser ikun hemm aktar interventi da parti tal-imputat bis-sogru kollu li dan jista' jgorr jekk l-allegat agressur jibqa' mhux censurat bi proceduri kriminali;

6. Kwantu l-effetti tal-artikolu 18 din il-Qorti taghmel referenza ghal dak osservat fis-sentenza taghha tad-29 ta'

Ottubru, 2018 fl-ismijiet Il-Pulizija vs *Ommisis* (Appell Numru 360/2015) fejn intqal hekk:

**7. The Continuous Crime under Article 18 of the Criminal Code** is said to have been drafted for the benefit of the accused in that a person will answer to one crime rather than a multiplicity of crimes where they are made with the same purpose and are in breach of the same provision of law. Answering for all crimes as one crime means that the accused is given the punishment for one of the crimes and not for each individual crimes but increased by one or two degrees according to the Court's discretion. Reference is made to Lectures in Criminal Law by Prof. Anthony J Mamo – Old University at pp 179 *et seq.* accurately tracing the origins of this article and citing eminent authors such as Carrara, Maino, Impallomeni, Crivellari and others. Indeed, Francesco Antolisei in his works Manuale di Diritto Penali (Parte Generale -1994 a pg 478 *et seq.* states:

> **La figura del reato continuate sorse per opera dei pratici italiani del Medioevo, i quali la escogitarono per mitigare il severissimo trattamento stabilito dalle legislazione comunali per i delitti dello stesso tipo, ripetuti piu' volte. Concordementi ammessa dalla dottrin precedenti alla legislazione attuale e riconosciuta in modo espresso dal codice Zandarelli, tale figura era stata abbandonata nel Progetto preliminare del condice Rocco, ma venne ripristinata nel Progetto definitive in segutio all insistenti e vive preoccupazioni che se erano manifestate per l-eccessivo rigore a cui la soppressione avrebbe dato luogo.**

**8.** Notwithstanding that the concept of continuous offence in Article 18 was created for the benefit of the accused, it also comes at a heavy price for the same accused. Through this

legal fiction, an accused can be charged for a string of offences in breach of the same provision of law which took place over a period of time, indeed years and this on the basis of the date of the last known crime allegedly committed. If, for the sake of argument, a person has been committing the same crime against the same person or property punishable with imprisonment of two years for the past ten years but is only apprehended a few weeks before the prescriptive period of the last committed crime, that accused may be asked to answer for all the crimes committed during the last ten years. Article 18, therefore, which is a privilege granted only to the prosecution and cannot be requested by the accused in search for a lesser punishment, can disadvantage the accused by bringing together all past acts or omissions which would have otherwise been time-barred;

**9.** Added to this prejudice, the accused is now subject to an indertiminate increase in punishment by two degrees, which as explained above in this case can be increased from six years for the original crime up to twelve years. The latter increase also has the effect of committing an accused to trial for a crime which, on its own, would have been time-barred. The accused is furthermore prejudiced by the fact that prescription is based on an uncertain punishment which may or may not be applied by the Court in its discretion. This brings to mind the caution raised by Sr. Anthony Mamo in the work cited above at page 178:

> **Finally, the doctrine of continuous offence, was, as we have already seen, devised by the practical jurists in order to mitigate the punishment which would otherwise be due to the offender in respect of his sever violations.**

> **Viewed against this historical background this doctrine is thus a benefit granted to the offender, <u>and must not therefore, in any circumstances, according to many authorities be turned to his disadvantage</u>.** [emphasis of this Court]

**10.** Indeed, the continuous offence can also be detrimental to the accused in that it is no longer possible to produce witnesses or evidence in defense thereof for those crimes which would otherwise have been time-barred. In the case under review, appellant alleges that complainant decided to file her complaint against him at the age of 25 and after her parents decided to keep the matter within the family when she was 10 or 11 years old, only because she did not manage to extort a sizeable amount of money from him which. Accused contends that were it not for the legal fiction under Article 18, the crime would have been time barred and he would not have been subjected to these proceedings which, according to him, were hurridly presented days before the setting in of the prescriptive period increased by the said article;

**11.** In Trattato Di Diritto Penale Italiano – Vol III, p 487, para 651, Manzini concludes as follows:

> **Poiche' la continuazione delittuosa non e' una circostanza aggravante, bensi' un ipotesi di concorso meramente ideale di reati, cose' l'aumento del triplo per la continuazione stessa non deve considerarsi ai fini della prescrizione (cassazione 27/01/1993, Giust. Pen, 1993, II, p. 313; 18/03/1932, Annali di dir. e proc. pen., 1932, p.696), ma il-termine prescrittive deve esser stabilito con riferimento a ciascun reato concorrente nella detta continuazione, avvertendo che, per l'estinzione del reato continuato, e necessario che il-termine prescrittivo sia decorso in relazione a tutti I reati nella continuazione".**

11. Maghmula dawn l-osservazzjonijiet a propositu tal-artikolu in disamina, tajjeb li jinghad ukoll illi sakemm il-prosekuzzjoni ma tindikax l-artikolu 18 fil-fatti imputati, dawk il-fatti ma jistghux jitqiesu bhala reat kontinwat fit-termini tal-istess artikolu. Il-Qrati taghna, izda, u kif tajjeb osserva l-appellant bis-sentenzi minnu citati, fl-ispirtu tal-istess artikolu gieli laqghu ghall-effett kuntrarju billi applikaw piena aktar miti f'kazijiet fejn il-kwisjtoni kienet tirrientra fid-dominju ta' reat kontinwat izda ma jistax jitqies li kien hekk la darba mhux indikat mill-prosekuzzjoni. Dak li osserva l-appellant, izda, ma hux applikabbli ghal-kwistjoni odjerna u dan hu dovut ghar-ragunament zbaljat tieghu naxxenti minn nuqqas ta' riproduzzjoni fidila tas-sentenzi minnu citati;

12. Mis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Galea, l-appellant iccita s-segwenti bran:

> "... jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet bhala reat kontinwat u gabithom kollha fl-istess kawza bhala reat kontinwat, il-Qorti necessarjament trid taghti sentenza separata f'kull kaz ossia ghal kull infrazzjoni jew ghall-infrazzjonijiet migjuba f'dik il-kawza. Jista' jaghti l-kaz li l-prosekuzzjoni jkollha d-dubbji taghha jekk hemmx ir-"risoluzzjoni wahda" kkontemplata fl-artikolu 18. Jista' jaghti l-kaz ukoll li l-prosekuzzjoni f'dan il-kaz, il-Pulizija Ezekuttiva, tkun agixxiet tempestivament u ma' l-ewwel infrazzjoni ressqet lil dak li jkun; f'dan il-kaz wiehed ma jistax jippretendi li l-Pulizija ghandha toqghod tistenna biex tara jekk il-persuna li tkun tikkommettix reat iehor in forza tar-risoluzzjoni wahda li tkun precedentement iffurmat biex b'hekk fl-ahhar tressqu

akkuzat fl-infrazzjonijiet kollha bhala reat kontinwat. **Mill-banda l-ohra l-Pulizija m'ghandhiex tispezzetta d-diversi atti f'diversi kawzi**" (sottolinear tal-esponent).

13. Issa, ghalkemm fis-sistema gudizzjarja taghna, mhix applikabbli d-dottrina tal-precedent u li s-sentenzi tal-Qrati, ossia il-gurisprudenza hija utli ghas-sostenn tal-argument avvanzat, l-iccitar tas-sentenzi ghandu jkun wiehed fidil u mhux spezzettat u mehud barra mill-kuntest tieghu. Dan qed jinghad ghaliex mis-sentenza citata, l-appellant naqas li jirriproduci dik il-parti krucjali taghha meta osservat li t-tlett citazzjonijiet f'dak il-kaz kienu hargu **fl-istess data**. Qabel ma tkun citata il-parti relevanti, tajjeb li jkun osservat ukoll illi fil-parti li l-appellant ghazel illi jinfasizza b'tipi oskuri, naqas milli jiccita b'mod preciz dak li verament qalet il-Qorti tal-Appell li huwa s-segwenti: "Mill-banda l-ohra il-Pulizija m'ghandiex tabbuza u meta jkun hemm indikazzjoni cara ta' reat kontinwat m'ghandhiex tispezzetta d-diversi atti f'diversi kawzi". Dan qed ikun osservat ghaliex f'dik il-kawza kien evidenti li l-kaz kien ta' reat kontinwat meta fil-kaz hawn skrutinat ma huwiex il-kaz kif jghid l-appellant;

14. Ventilat dan, u din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha kontinwament toqghod tivverifika jekk l-iccitar u riproduzzjoni tas-sentenzi huwiex wiehed fidil jew le sal punt li jkun ibiddel it-tifsira tal-istess sentenza, jokkorri issa li tkun citata dik il-parti evitata mill-appellant u l-Qorti jisobiha jkollha tuza il-kelma "konvenjentement":

*Fil-kaz presenti, hu evidenti li l-Pulizija ipprospettat reat kontinwat ghax-xahar ta' Marzu 1994 (peress li ma kull skadenza ta' manteniment mhux imhallas, maghduda il-hmistax-il jum, kien hemm prima facie infrazzjoni).* ***Pero' galadarba t-tlett citazzjonijiet, jigifieri kemm dik fil-kawza odjerna kif ukoll dawk fil-kawzi li huma meritu tal-appelli 2/95 u 3/95, hargu fl- istess data -- 24 ta' Gunju, 1994 -- din il-Qorti ma tistax tifhem x'seta' wassal lill-Pulizija li johorgu tlett citazzjonijiet separati minflok citazzjoni wahda b'imputazzjoni ta' reat kontinwat li jkopri l-infrazzjonijiet ghax-xhur (propjament ghall-gimghat fix-xhur) ta' Marzu, April u Mejju, 1994****. Mill- banda l-ohra din il-Qorti ma tistax tordna li t-tlett processi jew it-tlett sentenzi diga' moghtija jigu inkorporati fi process wiehed jew f'sentenza wahda -- ebda disposizzjoni tal-ligi ma tawtorizza li jsir dan.* ***L-uniku rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-qorti ta' prim istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu trattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi.***

15. Fis-sentenza Joseph Galea citata mill-appellant, allura, il-kwisjtoni kienet taggira fuq il-fatt illi t-tlett citazzjonijiet kienu hargu fl-istess gurnata u l-Qorti ma qaghditx lura milli tindika li dak seta' jkollu mill-elementi ta' abbuz. Fil-kaz odjern, il-hames citazzjonijiet kienu inhargu fi granet u gimghat differenti u dan jirrendi l-fatti intrinsikament differenti anke li kieku din il-Qorti kellha ssegwi din il-

konkluzzjonijiet ta' dik is-sentenza mill-ottika gurisprudenzjali.

16. Minn qari tas-sentenza ta' Carmelo Innorcia, jemergi illi l-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza Joseph Galea u applikat l-istess ragunament. Jirrizulta, izda, illi l-Qorti ghamlet hekk ghaliex f'dak l-appell, l-appellant *qua* imputat kien responsabbli ghal sensiela ta' serqiet fix-xahar ta' Settembru u Ottubru 2007. Gara izda illi ghas-serqiet ta' Ottubru l-Pulizija ressqet lill-imputat il-Qorti fl-istess xahar filwaqt illi ghas-serqiet tax-xahar ta' Settembru 2007 resqitu f'Jannar tal-2009 u dan ghal raguni inspjegabbli bil-konsegwenza li tilef mill-beneficcju tal-artikolu 18. Kien ghalhekk li l-Qorti ghazlet li tirriforma s-sentnza appellata b'temperament fil-piena b'kundanna ta' tlett snin u tlett xhur prigunerija minflok erba' snin.

17. Illi ghalhekk ma hu xejn minnu kif jargumenta l-appellant illi fil-kaz Innorcia "Il-Qorti kienet rinfaccjata b'sitwazzjoni simili u wara li rat li kien iktar xieraq illi kieku l-appellant tressaq f'kawza wahda fuq reati li huwa kkommetta fuq medda ta' xahrejn ddecidiet illi....." Fir-reati kommessi mill-appellant odjern, il-Pulizija kellha, kif korrettament ghamlet, tagixxi immedjatament minhabba s-sigurta' tal-persuna protetta b'ordni tal-Qorti u mhux toqghod tistenna biex tara jekk l-imputat hux ser jikkommetti reati ohra fil-futur. Ikun differenti l-kaz fejn persuna tirraporta ksur ghal aktar minn darba fl-istess jum jew forsi l-ghada, izda hawn si tratta ta' persuna li mhix qed tikkontesta l-fatt li

kisret l-ordni tal-Qorti 'f'kaz ta' diffikultajiet matrimonjali, li kienet inibietha milli timmolesta lill-parti l-ohra;

18. Mill-atti processwali kollha jirrizulta illi l-Pulizija Ezekuttiva harget ic-citazzjonijiet bil-mod segwenti fl-ordni tan-numru tal-appell:

374/18 dwar it-3 ta' Novembru 2016 fid-9 ta' Novembru, 2016;
373/18 dwar l-10 ta' Novembru 2016 fis-16 ta' Dicembru, 2016;
372/18 dwar l-14 ta' Novembru 2016 fit-30 ta' Novembru 2016;
371/18 dwar it-2 ta' Jannar, 2017 fid-9 ta' Jannar 2017; u
375/18 dwar id-9 ta' Jannar 2017 fis-17 ta' Jannar, 2017.

19. Kif inhu immedjatament evidenti, wara r-rapport tal-10 ta' Novembru 2016 kien sar rapport iehor fl-14 ta' Novembru u ghal dan tal-ahhar inharget citazzjoni fit-30 ta' Novembru, 2016 li setghet tinkorpora l-fatti dwar l-10 ta' Novembru 2016 li ghaliha izda inharget citazzjoni separata, stranament fis-16 ta' Dicembru, 2016 anke jekk dan huwa diskrezzjonali f'idejn l-istess Pulizija Ezekuttiva. Dan jirreferi biss ghall-appelli numru 372/2018 u 373/2018 ghar-rigward l-akkadut tal-10 ta' Novembru u l-4 ta' Novembru, 2016. Minkejja li, ma jidhirx li l-Pulizija imxiet b'mod abbuziv ghal dak li jirrigwarda l-hrug ta' citazzjoni separata dwar l-10 ta' Novembru 2016, (appell numru 373/2018 u l-14 ta' Novembru 2016 (l-appell numru 372/2016), din il-Qorti ser tghaddi biex tindirizza l-kwistjoni f'dawk iz-zewg appelli izda ma tara ebda raguni ghaliex dan ghandu jkollu xi effett fuq l-appell in disamina;

20. Illi ghalhekk l-kawzi kollha, bl-eccezzjoni ta' dawn appena msemmija, kellhom ikunu decizi b'sentenza separata u bil-piena ghal kull wahda kif korrettament ghamlet l-ewwel Qorti. Ghal dawn ir-ragunijiet ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tirriforma s-sentenza appellata kwantu l-piena kif mitlub mill-appellant u konsegwentement l-appell qed ikun michud.